MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Numru. 14/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

Vs

**Grazio Spiteri ta' 60 sena bin Giuseppe u Maria nee' Farrugia, imwieled Zejtun, nhar il-15 ta' Ottubru 1951, residenti fil-fond Blk B, Door B, Flat 8, Triq Tac-Cawla, Rabat &/or G3, Triq Ta' Bardan, Sannat, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 820451(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Grazio Spiteri li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar it-08 ta' Jannar 2010 u sentejn ta' qabel gewwa r-Rabat (Ghawdex) u fi bnadi ohra f'hinijiet differenti:

a. **forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga erojina**, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta’ l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

b. **kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina**, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga kienet fil-pussess tieghu meta din id-droga ma kenitx ghal uzu esklussiv tieghu**;

c. **kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina**, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta l-Ordinanza u

meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. talli nhar it-13 ta’ Jannar 2010 gewwa r-Rabat (Ghawdex) ghal habta ta’ nofsinhar ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe’ il-PS1464 Michael Portelli, PC579 Emanuel Zammit u PC883 Paul Azzopardi waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

e. ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostani, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u bil-glied;

f. talli nhar it-13 ta’ Jannar 2010, gewwa l-ufficcju ta’l-Ispettur Josric Mifsud, l-Ghassa tal-Pulizija, Rabat (Ghawdex) ghal habta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe’ l-Ispettur Josric Mifsud, il-PS1464 Michael Portelli, PC579 Emanuel Zammit, PC883 Paul Azzopardi u PC1371 Alfred Grech waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

g. ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u bil-glied.

h. Akkuzat talli sar recidiv u dana b’sentena tal-Qorti tal-magistrati f’Malta datata 28 ta’ Settembru 1999, Magistrat Patrick Vella, liema sentenza hija definittiva.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-ordni moghtija mill-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta tat-18 ta' Jannar 2010 sabiex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat.

Rat il-kontro-ordni mahrug mill-Avukat Generali a tenur tal-artikoli 22(2) u 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u n-nota ta' rinviju ghall- gudizzju tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 370(1)(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara, u dana b'referenza ghall-akkuzi mahruga ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'mod ewlieni bir-reat tat-traffikar u pussess aggravat tad-droga erojina. Inoltre huwa akkuzat ukoll bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 95 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-akkuzi ikkontemplati fil-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-provi mijuba mill-Prosekuzzjoni f'dina l-kawza jikkonsistu essenzjalment fix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li kienu involuti fl-investigazzjonijiet ta' dana l-kaz, inkluz ghalhekk l-ufficjal prosekutur u x-xhieda ta' tnejn minn nies pajzana Marvic Mercieca u Oman Galea. Dawn tal-ahhar offrew ix-xhieda taghhom bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti il-Magistrat Dr. Paul Coppini u l-proces verbali kontenenti l-istess xhieda huma esebiti fl-atti.[1] Apparti dana kollu gie elevat ukoll it-telefon cellulari tal-imputat u sar analizi tieghu mill-espert nominat mill-Qorti Dr. Stephen Farrugia Sacco, liema rapport tal-istess

[1] Ara Proces Verbal Dokumenti JA1 u JA2 a fols. 228 u 243 rispettivament.

espert jinsab ukoll esebit in atti.[2] Fiz-zewg stqarrijiet rilaxxjati minnu lill-pulizija, l-imputat jipprevalixxi ruhu mid-dritt tieghu li ma wiegeb ghall-ebda domanda li issirlu.[3]

Illi l-Qorti ser titratta l-ewwelnett ix-xhieda ta’ Oman Galea, illum sfortunatament mejjet, u ta’ Marvic Mercieca billi kif diga inghad dawn jikkostitwixxu l-unika prova fl-atti li jistghu jissostanzjaw l-akkuzi. Mill-atti u senjatament mix-xhieda taghhom jirrizulta illi meta huma iddeponew quddiem dina l-Qorti kienu ghadhom ghaddejjin proceduri kriminali fil-konfront taghhom dwar l-istess fatti u cioe’ dwar pussess u traffikar ta’ droga. Dana johrog mill-fatt illi z-zewg xhieda gew imwissija mill-Qorti illi kellhom id-dritt li ma jixhdux u dana sabiex ma jinkriminawx ruhhom minhabba l-proceduri penali li kien hemm pendenti kontrihom, izda dawn ghazlu li jixhdu xorta wahda. Ma hemmx dubbju wkoll illi dawn it-tnejn minn nies kienu jabbuzaw mid-droga b’mod regolari. Mix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud jirrizulta illi kemm Marvic Mercieca kif ukoll Oman Galea kienu gew arrestati fit-08 ta’ Jannar tal-2010 u waqt l-arrest huma gew interrogati u irrilaxxjaw stqarrija li wara giet ikkonfermata bil-gurament a tenur tal-artikolu 30A tal-Kapitolu 101. Dana sehh fl-istess jum tal-arrest u cioe’ ftit tal-hin wara li huma gew interrogati mill-pulizija.

Illi minn ezami akkurat tal-atti jidher illi l-unika prova li tista’ titfa’ xi htija fuq l-imputat hija l-istqarrija guramentata ta’ dawn iz-zewg zghazagh billi meta mbaghad huma tressqu biex jixhdu fil-kawza huma irtiraw dak kollu li kienu qalu bil-gurament taghhom quddiem il-Magistrat Inkwirenti u t-tnejn li huma cahdu kategorikament illi qatt xtraw xi droga minghand l-imputat. Huma jwahhlu f’xulxin, fis-sens illi filwaqt li Oman Galea jsostni illi kien Marvic Mercieca li kien jipprovdilu d-droga, minn naha tieghu Mercieca jsostni illi kien Oman Galea li kien jipprovdilu dak li kellu bzonn biex jissodisfa l-vizzju tieghu. Illi dina l-Qorti madanakollu ma hijiex ser taghti piz lix-xhieda ta’ dawn it-tnejn minn nies billi jidher car illi waqt ix-xhieda taghhom

[2] Dokument SFS a fol.69
[3] Ara stqarrijiet esebieti a fols.25 u 27

huma ma ridux jimplikaw lill-imputat izda bdew iwahhlu f'xulxin anke meta sar konfront bejniethom it-tnejn. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-26 ta' Marzu 2009 fil-kawza l-ismijiet il-Pulizija vs Massimo Caruana inghad:

"**Skond l-artikolu 30A tal-Kap.101 minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna w li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew imghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.**

**Illi dina id-disposizzjoni li ddahhlet ghall-ewwel darba fl-Ordinanza Kap.101 bl-Att XI tal-1994 kellha proprju l-ghan li tovvja ghal sitwazzjonijiet bhal dawn fejn xhieda ghall-motivi varji li jista' jkollhom, ibiddlu l-verzjoni taghhom bejn l-istqarrijiet li jkunu ghamlu *a tempo vergine* u x-xhieda taghhom sussegwenti meta jigu prodotti bhala xhieda fil-processi kontra s-suppliers tad-droga. X'ikunu dawn il-motivi wiehed ma jridx jithabat wisq biex jifhem.**"

Illi fix-xhieda tieghu Oman Galea jghid illi meta irrilaxxja l-istqarrija guramentata tieghu: "*jiena kont ma niflahx mejjet u ghalhekk jiena ivvintajt xi stejjer sabiex inkun nista' nehles u nitlaq 'l hemm*." Ikompli jghid illi meta deher quddiem il-Magistrat Inkwirenti huwa ma kienx qed ihossu f'siktu u ghalhekk ha gurament falz.[4]

Illi mbaghad Marvic Mercieca fix-xhieda tieghu juri certu titubanza biex jixhed. Ighid illi lil Grezzju Spiteri u cioe' lill-imputat jafu u jaf li joqghod l-area maghrufa bhala Tac-Cawla. Ighid li kien icempillu minhabba xi zwiemel. Mistoqsi direttament mill-Qorti jekk huwa kienx jixtri d-droga minghand Grezzju Spiteri: "*nghid illi jiena wara*

[4] Ara xhieda ta' Oman Galea a fol.255 et.seq,

*hafna niddubita u ntella' u nnizzel, wara li domt hafna ma nwiegeb din il-mistoqsija, nghid ili jiena gejt nixhed hawnhekk minghalija fil-konfront ta' Oman Galea. Ghandi nghid illi jiena, Oman, hu kien jaqdini u mhux jiena kont naqdieh u ghalhekk lil Oman jiena qatt ma stajt semmejtlu u ndikajtlu illi kont nixtri d-droga minn ghand persuna bl-isem ta' Grezzju.*" Illi ghalhekk ghalkemm Marvic Merceica iddikjara illi kien jaf lill-imputat madanakollu ma riedx iwegeb ghal mistoqsija jekk qatt kienx xtara droga minn ghandu izda minflok wahhal f'Oman Galea.[5]

Illi fl-istqarrijet guramentati rilaxxjati minn dawn iz-zewg zghazagh huma t-tnejn jindikaw illi kienu jixtru d-droga fost nies ohra minghand certu Grezzju maghruf bil-laqam "il-Hanzir" jew "il-Malti". Illi fl-istqarrija tieghu Marvic Mercieca jsostni illi huwa kien jixtri d-droga minghand Grezzju l-Hanzira. Meta mistoqsi mill-Magistrat Inkwirenti jekk kienx jaf kunjom dan Grezzju l-Hanzira huwa jwiegeb li ma jafx. Ghalkemm isostni illi Grezzju huwa maghruf ukoll bhala l-Malti, izda jibqa jsostni illi ma jafx x'kunjomu, madanakollu jaf li joqghod Tac-Cawla[6]. Oman Galea mbaghad fl-istqarrija guramentata tieghu, meta mistoqsi minghand min kien qieghed jixtri l-erojina, iwiegeb li kien jixtri minghand Grezzju l-Hanzira li jghix tac-Cawla, izda ma jafx x'kunjomu. Illi ghalkemm kif diga nghad il-Qorti temmen il-verzjoni moghtija minn dawn it-tnejn minn nies fl-istqarrija guramentata taghhom, madanakollu meta ttiehdet l-istess stqarrija ma saret l-ebda identifikazzjoni dwar min hi l-persuna ta' Grezzju l-Hanzira li huma jsemmu. L-uniku indikazzjoni li jaghtu huwa li dan joqghod tac-Cawla u xejn izjed ghax lanqas jafu x'kunjomu dan Grezzju l-Hanzira. Lanqas ma gew murija xi ritratt sabiex jidentifikawh jew gew mitluba n-numru tat-telefon cellulari tieghu sabiex jista' jsir xi ness. Deskrizzjoni tal-persuna huma ma jaghtux u kwindi f'dina x-xhieda hemm biss indikazzjoni tal-persuna bl-isem Grezzju l-Hanzira. Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza sabiex tara hemmx xi prova li tindika illi l-imputat huwa maghruf bhala Grezzju l-Hanzira jew il-Malti, izda ma sabet l-ebda

[5] Ara xhieda ta' Marvic Mercieca a fol.257
[6] Ara stqarrija guramentata ta' Marvic Mercieca Dokument JA1 a fol.228

indikazzjoni f'dana s-sens. Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, l-imputat ma jwiegeb ghall-ebda mistqosija li issirlu lanqas dwar x'laqam ghandu. L-uniku prova li hemm hija l-indirzz tal-imputat bhala Blk B, Door B, Flat 8, Triq Tac-Cawla, Rabat. Imbaghad fix-xhieda tieghu Marvic Mercieca jsostni illi lill-imputat jafu u jaf li joqghod fl-area Tac-Cawla. Meta mistoqsi, wara li jsir il-konfront ma' Oman Galea, jekk huwa qattx xtara droga minghand Grezzju Spiteri, l-imputat, Marvic Mercieca jwiegeb li direttament huwa qatt ma xtara minn ghandu.[7] Illi fix-xhieda tieghu, l-Ufficjal Prosekutur ighid illi Galea u Mercieca fl-istqarrijiet taghhom jindikaw lil Grezzju Spiteri maghruf bhala l-Hanzira jew il-Malti, meta fil-fatt fix-xhieda guramentata taghhom fl-ebda mument ma jindikaw il-kunjom Spiteri.

Madanakollu maghdud dana kollu l-Qorti tistqarr illi ma ghandha l-ebda dubbju illi Mercieca u Galea kienu qed jaghmlu referenza ghall-imputat meta huma irrilaxxjaw ix-xhieda guramentata taghhom, l-ewwelnett billi jindikaw il-post fejn joqghod li huwa proprju fiz-zona ta' Triq tac-Cawla u t-tieni lok huwa verament car illi l-ebda wiehed minnhom it-tnejn ma ried jixhed kontrieh meta gew wicc'imb wicc mieghu fil-qorti. Il-Qorti ghalhekk tistaqsi, li kieku dawn it-tnejn minn nies kienu qed jirreferu ghal xi persuna ohra fl-istqarrija taghhom, 'il ghala ma jghidux dan meta mbaghad jixhdu. Anzi fix-xhieda taghhom ighidu illi huma erronjament indikaw lill-imputat fl-istqarrija taghhom ghaliex allegatament ma kinux qed ihossuhom f'sikkithom u mbaghad meta jixhdu jwahhlu f'xulxin. Illi l-Qorti allura hija konvinta illi l-ebda wiehed minn dawn iz-zewg xhieda ma riedu jikkonfermaw l-istqarrija guramentata taghhom ghaliex bezghu jitfghu il-htija fuq l-imputat u ghalhekk meta xehdu ivvintaw storja differenti minn dak illi kienu qalu fl-istqarrija taghhom u dana ghaliex meta gew wicc imb'wicc mal-imputat huma ma ridux jinkriminawh.

Il-Qorti ghalhekk sejra tistrieh fuq ix-xhieda guramentata moghtija minn Marvic Mercieca u Oman Galea fejn

[7] Ara xhieda a fol.260

jindikaw lill-imputat bhala l-persuna li kienu jixtru d-droga minghandu, li wahedhom huma bizzejjed ghal sejbien ta' htija fil-konfront tal-imputat.

Illi fir-rigward taz-zewg akkuzi l-ohra moghtija a tenur tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' r-reat tal-pussess aggravat u dak tal-pussess semplici, ghandu jinghad illi dawn ma gewx sodisfacentement ippruvati. Kif diga gie puntwalizzat l-uniku xhieda fl-atti li titfa' htija fuq l-imputat hija x-xhieda guramentata ta' Mercieca u Galea. Illi l-Qorti ma tistax necessarjment tikkonkludi illi gialadarba l-imputat huwa hati tar-reat ta' traffikar allura awtomatikament jirrizulta l-pussess tal-istess. Il-wahda ma hijiex marbuta mal-ohra. Fil-pussess tal-imputat ma nstabet l-ebda droga u kwindi dawn l-akkuzi ma jistghux jissussistu.

**<u>L-akkuzi a tenur tal-Kapitolu 95 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi l-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reat tal-oltragg ghall-ufficjal pubbliku u cioe' f'dan il-kaz diversi membri tal-korp tal-pulizija li kienu involuti fl-arrest tieghu u stharrig li sar in konnessjoni mal-istess.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:
"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu ighid:

"*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person*."

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Borg jinghad:
"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non*

*indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato*."

Illi minn ezami tal-provi jirrizulta illi l-imputat ikkonfronta lill-pulizija f'zewg incidenti separati. L-ewwel wiehed sehh fil-mument tal-arrest tieghu. Jidher illi l-kolluzzjoni bejnu u l-pulizija involuti fl-arrest sehhet meta l-istess ippruvaw jelevaw il-mobile phone tal-imputat u hu ma riedhomx jaghmlu dan.[8] Huma jikkontendu illi kellhom jissaraw mieghu biex fl-ahhar irnexxielhom jaghmlu dan. Hadd minnhom izda ma jghid illi l-imputat uza xi kliem dispreggativ fil-konfront taghhom, insulentahom jew heddidhom. Illi l-imputat biss ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija u irresistiehom fil-waqt tal-arrest li huwa reat iehor mhux dak ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kapitolu 9, kif indikat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu ta' rinviju ghall-gudizzju.

Illi mbaghad fit-tieni incident fejn sehhet kolluzjoni ohra bejn l-imputat u l-pulizija dana sehh fil-mument li kien qed jigi interrogat mill-Ispettur Josric Mifsud. Hawnhekk jidher illi f'xi hin l-imputat beda jgholli lehnu. L-ispettur ighid hekk: "Aktar 'il quddiem gie migjub l-Ghassa r-Rabat, Ghawdex fejn fil-bidu malli wasal l-Ghassa beda jitpastaz. Kien arroganti mal-pulizija inkluz jien u fil-fatt prova jintiemida lilna l-pulizija bl-agir tieghu."[9] Ma jirrizultax izda minn din ix-xhieda x'kien il-kliem ingurjuzi jew kliem ta' theddid li sar fil-konfront tal-pulizija u x'intqal fil-konfront ta' min. Is-surgent Michael Portelli jghid li f'hin minnhom l-imputat qam u beda jghajjat, izda x'diskors intqal ukoll ma ighidx.[10] Il-PC759 Emanuel Zammit ighid imbaghad: "Gew mumenti li kien daqsxejn arroganti, jqum minn postu u darba minnhom prova jitlaq 'il barra anke mill-uficcju imma qbadna u nizzilnieh il-lock-up".[11] Ukoll il-PC833 Paul Azzopardi ma jixhitx wisq dawl fuq dak li sehh meta jghid: "L-ghassa imbaghad li niftakar f'hin minnhom waqt l-

---

[8] Ara xhieda ta' PS1464 Michael Portelli, a fol.48 PC759 Emanuel Zammit a fol.50 u PC883 Paul Azzopardi a fol.52
[9] Ara xhieda a fol.45
[10] Xhieda a fol.48
[11] Xhieda a fol.50

interrogazzjoni u f’xi domandi li kien jistaqsieh bhal beda ighajjat fil-konfront tal-Ispettur … Fis-sens li ma riedx jikkollabora u ma riedx jitkellem u dan il-hafna, tipo dan il-kliem.”[12] Fl-ahharnett il-PC1371 Alfred Grech ighid: “Waqt li s-Sur Josric, l-Ispettur, kien qed jinterrogah f’hin minnhom hadna ftit bil-herra u qam minn bilqieghda u nizzilnieh il-lock-up u imbaghad kellimnieh aktar tard.”[13]

Hadd mix-xhieda ma jispjega u jghid li kien hemm xi kliem ingurjuz jew ta’ theddid u f’hiex kien jikkonsisti dan il-kliem ghajr ghall-fatt illi l-imputat beda jghajjat, qam minn bil-qieghda u pprova jitlaq ’il barra mill-ufficcju tal-Ispettur. Dawn il-fatti ghalhekk ma jistghux iwasslu ghal sejbien ta’ htija ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 95.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ahharnett, meta tigi biex tqis l-akkuza kontravvenzjonali dwar il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika, il-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta’ Novembru, 1999 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Maria Concetta Green’ (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):
‘*L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ ‘breach of the peace’. L-elementi ta’ dan ir-reat ġew eżaminati funditus f’diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta’ nkwiet jew tħassib f’moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita’ ta’ persuna jew dwar l-inkolumita’ ta’ proprjeta’, kemm b’riżultat dirett ta’ dak l-għamil jew minħabba l-possibilita’ ta’ reazzjoni għal dak l-għemil.*

*L-iskambju ta’ kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x’jindika li dak l-argument jista’ jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-*

[12] Fol.52
[13] Fol.54

*propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali*.'

Illi anke hawnhekk l-akkuza tirreferi ghaz-zewg incidenti hawn fuq indikati. Illi a skans ta' repetizzjoni dwar il-fattispecje taghhom li diga gew elaborati iktar 'il fuq, il-Qorti tistqarr illi lanqas hawn ma tista' ssib htija fil-konfront tal-imputat. Il-fatt illi persuna tirresisti lill-pulizija ma jammontax ghal *breach of the peace* kif tirrikjedi l-ligi. Ma jidhirx illi kien hemm xi biza ghall-inkolumita ta' xi persuna jew inkella li kien hemm xi nies illi bezghu, thassbu jew inkwetaw. Lanqas jissemmew mill-pulizija involuti li kienu presenti xi terzi persuni estranji ghal kaz. L-istess jista' jinghad ghar-rigward tal-incident li sehh gewwa l-Ghassa tal-pulizija. Di piu'dana l-incident sehh gewwa l-ufficcju tal-Ispettur Josric Mifsud u ghalhekk il-Qorti ma tistax tirriavviza xi *breach of the peace* f'ufficcju ta' spettur tal-pulizija fejn ma kien hemm hadd ghajr ufficjali tal-pulizija li kienu kapaci jikkontrollaw is-sitwazzjoni. Ghaldaqstant dina l-akkuza ma gietx ippruvata.

Illi finalment dwar l-akkuza tar-recidiva ghandu jinghad illi ma hemm l-ebda prova fl-atti li tissostanzja l-istess. Is-sentenza li hija indikata fl-akkuza lanqas giet esebita, liema sentenza tirrisali ghas-sena 1999. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat kien jissuplixxi zghazagh Ghawdxin bid-droga fuq bazi regolari. Madanakollu jidher illi l-imputat ukoll ghandu problemi socjali fosthom bl-abbuz tad-droga u ilu f'dawn il-problemi ghal snin twal. Il-Qorti tittama illi l-imputat xi darba jaghraf johrog minn dina l-hajja u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat Taqsima 4 u 6, artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati biss tal-ewwel akkuza, tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija u multa ta' €1000 u tilliberah mill-kumplament.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez peritali fl-ammont ta' €1183.75.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------